**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 26 TA' MARZU, 2002**

**Avviz Nru: 313/02 AJD**

**Victor u Anna Gatt**

**vs**

**Denis Cachia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Frar, 2002, fejn gie premess li waqt li Victor Gatt kien qed isuq il-vettura CAO 816 go Tarxien Road, Paola, b'Anna Gatt passiggiera mieghu, fl-24 ta' Lulju, 2001, sehh incident tat-traffiku meta Denis Cachia li kien qed isuq il-vettura GUA 005 hareg minn Triq Lampuka fejn hemm sinjal ta' STOP u ma hax id-debiti prekawzjonijiet u baqa' diehel fil-vettura tal-atturi u ikkawza danni ammontanti ghal seba' mija u ghoxrin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm720.38). L-atturi talbu l-kundanna ghall-hlas tal-konvenut ta' dan l-imsemmi ammont.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' spejjes legali ammontanti ghal tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm28.75), u bl-imghax dekorribbli mid-data tan-notifika tal-Avviz sad-data tal-pagement effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur Victor Gatt, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ seba’ mija u ghoxrin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm720.38), bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**